MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 288/2006

**FRAMEGRIP CONSTRUCTION LTD. (C-17324)**

**vs**

**HITE INVESTMENTS LTD. (C-22556) u Kevin ZAMMIT**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat imressaq fl-4 ta' April, 2006, li bih is-soċjeta' attriċi, wara li ppremettiet;

1. Illi bis-saħħa ta' skrittura privata datata tlieta u għoxrin (23) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlieta (2003) (anness Dok. 'A') is-soċjeta' konvenuta Hite Investments Ltd. kienet ikkostitwiet ruħha bħala debitriċi tas-soċjeta' attriċi fl-ammont ċert, likwidu u dovut ta' ħamsa u għoxrin elf seba' mija disgħa u għoxrin Lira Maltija u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (Lm25,729.54) rappreżentanti "*an indebtedness assumed by the Debtor in connection with a promise of sale aggreement entered into between the*

*Creditor and the Debtor relative to the property at Flat 3, Arklow Court, n/s in Nicolo' Baldacchino Street, Siġġiewi*";

2. Illi s-soċjeta' Hite Investments Ltd. intrabet, permezz ta' l-istess skrittura privata, li tħallas l-imsemmi ammont ta' Lm25,729.54 bl-imgħax legali fuq l-imsemmija somma permezz ta' serje ta' pagamenti mensili konsekuttivi fl-ammont ta' elfejn Lira Maltin (Lm2,000) kull wieħed;

3. Illi permess ta' l-imsemmija skrittura privata il-konvenut Kevin Zammit ikkostitwixxa ruħu, a favur is-soċjeta' attriċi, bħala garanti solidali tas-soċjeta' Hite Investments Ltd. għall-ħlas tal-kapital u imgħax legali dovuti mis-soċjeta' Hite Investments Ltd. lis-soċjeta' attriċi ai termini ta' l-istess skrittura;

4. Illi sal-lum, mill-imsemmi ammont ta' Lm25,729.54, tħallset biss is-somma ta' elfejn Lira Maltin (Lm2,000) u għalhekk, ai termini ta' l-imsemmija skrittura, il-konvenuti iddekadew mill-benefiċċju tat-terminu konċess lilhom u għalhekk l-ammont bilanċjali ta' tlieta u għoxrin elf seba' mija disgħa u għoxrin Lira Maltija u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (Lm23.729.54) huwa dovut in toto, oltre' l-imgħaxijiet legali, mill-konvenuti in solidum lis-soċjeta' attriċi;

5. Illi l-imsemmi ammont ta' Lm23,729.54 huwa dejn ċert, likwidu u dovut u, fil-fehma ta' l-istess soċjeta' attriċi jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ, billi fil-fehma ta' l-istess soċjeta' attriċi, il-konvenuti m'għandhom ebda eċċezzjoni xi jressqu kontra t-talba għall-ħlas ta' l-imsemmi ammont;

6. Illi għalkemm il-konvenuti ġew interpellati ripetutament sabiex iħallsu l-imsemmi ammont, anki permezz ta' ittra uffiċjali datata 4 ta' Frar 2004 huma baqgħu inadempjenti u ma ħalsux;

7. Dawn il-fatti huma magħrufa lill-esponenti personalment.

**Raġuni tat-Talba**

1. Ill kif diġa premess, is-soċjeta’ attriċi hija kreditriċi tal-konvenuti *in solidum* fl-ammont ta’ Lm23,729.54 oltre’ l-imgħaxijiet legali u l-ispejjeż ġudizzjarji u dana ai termini ta’ l-annessa skrittura datata 23 ta’ Lulju 2003 – Anness Dok. ‘A’;

2. Illi l-imsemmi ammont ta’ Lm23,729.54 huwa dejn ċert, likwidu u dovut u, fil-fehma ta’ l-istess soċjeta’ attriċi jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ, billi fil-fehma ta’ l-istess soċjeta’ attriċi, l-konvenuti m’għandhom ebda eċċezzjoni xi jressqu kontra t-talba għall-ħlas ta’ l-imsemmi ammont;

3. Illi għalkemm il-konvenuti ġew interpellati ripetutament sabiex iħallsu l-imsemmi ammont, anki permezz ta’ ittra uffiċjali datata 4 ta’ Frar 2004, huma baqgħu inadempjenti u ma ħalsux;

4. Għalhekk kellha ssir din il-kawża.

**Talbiet**

Illi għaldaqstant, is-soċjeta’ attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti, għaliex m’għandiex għal dawn ir-raġunijiet premessi:

1. Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ, għall-finijiet ta’ l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

2. Tikkundanna lill-konvenuti in solidum iħallsu lis-soċjeta’ attriċi l-ammont ta’ tlieta u għoxrin elf seba’ mija disgħa u għoxrin Lira Maltija u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (Lm23,729.54) rappreżentanti bilanċ minn ammont akbar dovut lis-soċjeta’ attriċi mill-konvenuti ai

termini ta’ l-iskrittura privata datata tlieta u għoxrin (23) ta’ Lulju tas-sena elfejn u tlieta (2003) (anness Dok. ‘A’);

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 4 ta’ Frar 2004, dawk relattivi għall-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju kontestwalment preżentat, oltre l-imgħaxijiet legali konteġġjati mit-tlieta u għoxrin (23) ta’ Lulju, 2003 sal-jum ta’ l-effettiv pagament, kontra l-konvenuti li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni tagħhom.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-soċjeta’ attriċi;

Rat illi r-rikors ġie debitament notifikat lill-konvenuti li naqsu li jippreżentaw nota ta’ eċċezzjonijiet u hekk baqgħu kontumaċi;

Semgħet ix-xhieda tas-soċjeta’ attriċi;

Semgħet l-Avukat tas-soċjeta’ attriċi;

Eżaminat l-atti tal-kawża;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fiċ-ċitazzjoni tirriżulta pruvata.

Fil-kontumaċja tal-konvenuti tiddeċiedi billi tilqa’ t-talba tas-soċjeta’ attriċi kif dedotta fir-rikors bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet li bdew jgħaddu mit-23 ta’ Lulju, 2003, sal-jum tal-ħlas effettiv kontra l-konvenuti flimkien u solidalment bejniethom.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------